# Anniversarji

*minn Ivan Bugeja*

Għall-sena oħra erġajt qed nikteb dan l-artiklu qasir dwar dak li ġara fil-parroċċa tagħna matul is-snin l-imgħoddija. Qed nagħmel dan sabiex sena wara sena nibqa' nfakkar dak kollu li ġara fil-passat u dan għaliex huwa tabilħaq importanti li dati storiċi bħal dawn ma jintesew qatt. Tajjeb inżommu f'moħħna li dawn l-memorji m'huma xejn ħlief il-pedamenti li fuqhom inbena l-preżent u dak kollu li l-komunita` tal-parroċċa għandha llum.



Nibdew bl-ewwel anniversarju li jmur lura għall-1920, jiġifieri 95 sena ilu. Kien matul dik is-sena, illi t-twajjeb Pawlu Burlo` beda jlaqqa` lit-tfal u liż-żgħażagħ tal-inħawi ta' Triq id-Duluri u Triq Vitale sabiex flimkien jitolbu u jgħidu r-rużarju quddiem statwa tal-Immakulata Kunċizzjoni li hu kellu ġewwa d-dar tiegħu fi Triq Vitale. X'aktarx li dan kollu ġara matul ix-xahar ta' Mejju, ix-xahar tal-Madonna. Imbagħad lejn l-aħħar tal-istess xahar Pawlu kien għamillhom festin żgħir sabiex jinkoraġġihom ħalli sena oħra jerġgħu jinġabru u flimkien jerġgħu jgħidu r-rużarju.

Fl-1935 jew tmenin sena ilu Pawlu Burlo` kien kera terran ċkejken fi Triq id-Duluri, faċċata ta' fejn kien hemm l-għajn tal-ilma sabiex hemmhekk hu għamel kappella akbar milli kellu fi Triq Vitale. Li għamel kien illi fetaħ xi ħitan diviżorji sabiex għamel il-kappella u bena` wkoll kamra fuq in-naħa ta' wara li beda` jużaha bħala sagristija. Barra dan kollu hu għamel anki xi alterazzjonijiet fuq il-faċċata u anki bena gallerija żgħira fuq ġewwa.




Sebgħin sena ilu, eżattament fl-1945 fl-inħawi tal-Oratorju ta' Triq id-Duluri kienet saret festa esterna sabiex tfakkar il-25 anniversarju minn meta Pawlu Burlo` waqqaf lil dan l-Oratorju. Għal din l-okkażjoni kienu anki nġiebu xi baned sabiex iferrħu lin-nies li kienu joqgħodu fl-inħawi u anki nxtegħlu t-toroq bil-lampi

tal-elettriku. Kienet ukoll mikxufa lapida tal-irħam abjad sabiex tibqa` bħala tifkira ta' din l-okkażjoni. Il-festi kienu saru bejn l-Erbgħa 30 ta' Mejju u l-Ħadd 3 ta' Ġunju.



Nhar il-5 ta' Diċembru tal-1970 jew ħamsa u erbgħin sena ilu tlestiet minn kollox il-koppla tal-knisja parrokkjali. Il-koppla kienet ġiet mibnija kollha kemm hi mill-konkos rinfurzat. Id-disinn kien sar mill-Perit Aquilina. Matul l-istess sena tpoġġiet ukoll l-ewwel ġebla tad-dar parrokkjali u anki twaqqfet il-Kummissjoni Festa sabiex tkun responsabbli mill-organiżazzjoni tal-festa.

Tletin sena ilu, dakinhar tat-30 ta' Novembru tal-1985 fil-knisja parrokkjali kienet saret funzjoni mill-isbaħ fejn matul kienet ġiet irregalata l-istatwa titulari tal-Kunċizzjoni Immakualta. Din l-istatwa grazzjuża kienet ġiet mogħtija mill-Arċikonfraternita` tal-Kunċizzjoni tal-Belt Valletta, b'kuntratt quddiem in-Nutar Ġużeppi Cachia.

La qed insemmu l-anniversaji ma nistgħux inħallu barra l-għoxrin sena mit-twaqqif tal-Għaqda Dilettanti tan-Nar. Din l-għaqda kienet twaqqfet ftit ġranet wara l-festa tal-1995, eżattament nhar it-18 ta' Lulju. Il-membri fundaturi kienu Ivan Bugeja, Alan Cutajar, Oliver Agius, Stanley Azzopardi, Noel Mangion, Joseph Belli u l-aħwa Clive u Simon Micallef.



Nhar l-10 ta' Diċembru tas-sena 2000 jew ħmistax-il sena ilu kien ħa l-pussess tiegħu l-mibki Kappillan Dun Nazzarenu Caruana. Dun Nazzarenu twieled ġewwa l-Mellieħa u kien it-tielet Kappillan tal-parroċċa. Hu dan iservi fosthom sa Diċembru tal-2004 meta postu kien ħadu l-Kappillan Dun Salv Borg.

Fl-aħħar nett nixtieq nagħlaq din l-ġabra qasira billi l-ewwel u qabel kollox nawgura l-isbaħ xewqat u anki festa mill-aqwa lill-kumitat tal-Għaqda Dilettanti tan-Nar fl-okkażjoni tal-għoxrin sena mit-twaqqif tagħha. Nieħu wkoll l-okkażjoni sabiex nawgura festa mill-isbaħ lid-dilettanti u lid-devoti tal-Kunċizzjoni Immakulata. Insellmilkom!!